DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR191007** **10.05.2018**

**STQARRIJA MILL-GVERN TA' MALTA**

***The Malta National Park – Investiment ta' €20 Miljun favur l-ewwel park nazzjonali għal pajjiżna b'kobor ta' 450,000 metru kwadru "Qed inwettqu fil-prattika l-impenn tagħna li nagħtu spazji miftuħa li jistgħu jgawdu l-familji." – il-Prim Ministru Joseph Muscat***

B'referenza għat-tħabbira ta' 'The Malta National Park', spazju miftuħ ta' 450,000 metru kwadru f'Ta' Qali, b'investiment ta' €20 miljun, il-Prim Ministru Joseph Muscat sostna li dan l-investiment huwa turija fil-prattika tal-impenn tal-Gvern li jagħti lill-familji, żgħażagħ, tfal u anzjani, spazji miftuħa li jistgħu jitgawdew minnhom ilkoll.

Dr Muscat stqarr li dan l-investiment fi spazju miftuħ huwa l-ikbar wieħed minn tal-inqas f'ġenerazzjoni u saħaq li huwa tajjeb li filwaqt li bħala pajjiż niksbu riżultati ekonomiċi, kemm huwa wkoll importanti li jsiru investimenti ta' dan it-tip biex propju nindukraw il-familji tagħna billi ntejbu l-kwalità tal-ħajja.

Il-Prim Ministru spjega li dan il-proġett beda meta l-gvern ra l-potenzjal ta' żona li qabel kienet użata bħala fabbrika u li sfortunatament kienet il-lok ta' ħafna abbużi, u minflok taha sabiex jinħoloq spazju industrijali ieħor, iddeċieda li jagħtiha lill-pubbliku sabiex tingħaqad mal-kumplament tal-ispazju miftuħ li jeżisti diġà f'Ta' Qali.

Dr Muscat qal li f'dan il-Park Nazzjonali, li d-daqs tiegħu huwa terz ta' Hyde Park f'Londra, se jiġu mħawla mat-80,000 siġra u xitla u fih se jkun hemm diversi żoni ta' rikreazzjoni għall-familji u għal dawk kollha li jżuruh.

Il-Prim Ministru Joseph Muscat issokta jgħid li dan il-proġett mhux se jkun fula f'qargħa fejn semma' tħabbiriet li għamel il-gvern diġà f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġett ta' afforestazzjoni ġewwa Bengħajsa b'kobor ta' 80,000 metru kwadru u l-proġett ta' Triq Reġjonali f'Santa Venera, li se tkun imsaqqfa b'kobor ta' madwar 13,000 metru kwadru.

Fl-aħħar nett Dr Muscat irringrazzja lill-istakeholders kollha involuti li se jagħmlu dan il-proġett realtà.

Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Ian Borg li jmexxi l-Ministeru li ħadem biex jippjana l-kunċett ta' dan il-proġett, kif ukoll dak li se jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tiegħu, beda billi faħħar l-azzjoni diretta li ttieħdet mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq sit li kien ilu mitluq għal żmien twil u rringrazzja lill-ħaddiema kollha li wettqu din il-biċċa tax-xogħol.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

“Għal snin, dan is-sit kien użat biss għar-rimi, fatt li ftit li xejn ġibed l-attenzjoni tan-nies. Imma dan il-gvern ra u ħa azzjoni biex dan is-sit jingħata lura lill-poplu, u ma konniex kuntenti nagħtuhulhom lura wara li l-Awtorità għamlet l-azzjoni diretta fuq is-sit imma kif nagħmlu dejjem, rajna kif nagħtu valur ikbar lil dan is-sit, kif nagħtu infrastruttura tal-ogħla kwalità lill-poplu li tant jixraqlu, kif niksbu l-massimu f’benefiċċji mill-ispazju li ħadna lura. U għalhekk fassalna proġett li qiegħed jestendi aktar minn dan is-sit u qiegħed jinkludi pockets oħra f’Ta’ Qali li ser jiġu rriġenerati biex fl-aħħar inwasslu lill-poplu park nazzjonali kif jixraq lil pajjiżna,” qal il-Ministru Borg.

Huwa qal li dan l-ispazju, li fih daqs 60 ground tal-football u li jiġi d-doppju ta’ St James Park f’Londra se jkun qiegħed jinkorpora diversi kunċetti differenti, hekk kif spjega l-Prim Ministru Muscat. Il-Ministru Borg qal li dawn il-kunċetti se jiġu inklużi għax dan huwa gvern li jifhem li kulħadd għandu bżonnijiet u xewqat differenti u spazju daqstant kbir jista’ jaqdi ħafna minn dawn ix-xewqat.

“Il-Malta National Park huwa post fejn il-familji tagħna se jkunu jistgħu jqattgħu ġurnata sħiħa, hekk kif jgħixu esperjenza wara l-oħra f’post trankwill ’il bogħod mill-ħajja mgħaġġla ta’ kuljum, proġett favur aktar bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, għax nemmnu li Malta u l-Maltin ħaqqhom dak kollu li huwa tajjeb u pożittiv. Illum qegħdin hawn għax dan il-gvern irid jagħti lill-Maltin dak kollu li ħaqqhom, għax dan il-gvern jimpurtah mill-familji, miż-żgħażagħ, mill-anzjani, mit-tfal. Dan huwa l-gvern li jimpurtah mill-kwalità tal-ħajja tan-nies. Mill-2017, bħala Ministeru se nkunu tajna lin-nies kważi 70 spazju miftuħ ġdid jew aħjar u llum qegħdin inħabbru l-akbar wieħed – spazju miftuħ nazzjonali biex jitgawda minn kulħadd, fejn il-komunitajiet diversi tagħna jistgħu jiltaqgħu flimkien, jingħaqdu u jgawdu l-ambjent tagħna b’faċilitajiet denji minn poplu ta’ pajjiż pijunier,” għalaq il-Ministru Ian Borg.

“Politika ambjentali u politika ta’ gvern li tagħti aktar spazji ta’ kwalità lin-nies – irridu naraw li l-ambjent jitgawda mill-ġenerazzjonijiet kollha,” sostna l-Ministru José Herrera. Huwa spjega kif illum qed jinħolqu aktar spazji ġodda u qal li hekk ġara llum bit-tnedija tal-proġett tal-Park Nazzjonali ta’ Malta.

“Investiment fl-ambjent; il-viżjoni ambjentali tal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima temmen fir-rabta bejn l-ambjent u l-edukazzjoni. Il-proġett tal-Park Nazzjonali li tħabbar illum se jkun mhux biss proġett ta’ riġenerazzjoni taż-żona ta’ Ta’ Qali, imma wkoll proġett li juża enerġija rinovabbli, li jservi bħala investiment ta’ eżempju għall-pubbliku ġenerali. Dan il-proġett huwa mandat, din id-darba mhux biss indirizzat lill-politiku imma lill-poplu, sabiex tassew inħallu pajjiż u spazji miftuħa ta’ kwalità għal dawk kollha li ġejjin warajna,” stqarr il-Ministru Herrera.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà Chris Agius qal li wara diversi rapporti ta’ rimi ta’ skart illegali f’żona f’Ta’ Qali, l-Awtorità tal-Ippjanar nediet minnufih investigazzjoni fejn irriżulta li ż-żona msemmija, fil-passat kienet qed tintuża għall-manifattura ta’ precast concrete. Is-Segretarju Paralmentari Agius spjega li l-ewwel azzjoni li ttieħdet mill-Awtorità kienet li jitneħħa l-periklu għall-pubbliku, minħabba li din iż-żona kellha aċċess liberu. Huwa qal li ttieħdet azzjoni ukoll sabiex jitneħħa makkinarju abbandunat.

“Bis-saħħa ta’ dan l-intervent f’waqtu, din iż-żona tad-daqs ta’ 50,000 metru kwadru, issa qed tingħata lura lill-poplu u se tkun qed titgawda mill-pubbliku ġenerali,” għalaq is-Segretarju Parlamentari Agius.